MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Numru. 997/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**

**vs**

**LEANNE FIORINI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Leanne Fiorini ta' 17 -il sena, bint Paul u Mary Rose nee’ Connell imwielda Zabbar fis-6 ta' Novembru 1992, residenti fil-fond 71, Triq Hal Luqa, Hal Tarxien u detentrici ta' karta ta' l-identita bin-numru 523992M.

Giet akkuzata talli:

Fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Ottubru 2009, f'Paceville San Giljan ikkommettiet serq ta' 'handbag' kontenenti diversi oggetti fosthom 'mobile phone', 'digital camera' u flus kontanti, liema reat ta' serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi s-somma ta' €232.93 u li sar ghad-dannu ta' Laura Gacioch;

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 8 tal-Process u nnutat li l-imputata Leanne Fiorini m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.
Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u tatghha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li meta sehh ir-reat l-imputata kienet taht l-eta' ta' 18 -il sena.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 37, 261(c) u (f), 267, 270, 279(a) u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Leanne Fiorini, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata u li fil-konfront tal-imputata japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tillibera lill-istess Leanne Fiorini taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Leanne Fiorini l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------